MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2015

Rikors Numru. 21/2014

**Lee Stack**

**Vs**

**Ministeru tal-Finanzi**

It-Tribunal,

Ra r-rikorsipprezentat minn **Lee Stack** fil-5 ta' Frar 2014 permezz ta' liema ippremetta s-segwenti:-

"

1. *Illi dan huwa appell ai termini tar-Regolament 4(11) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 (Regoli dwar Ezenzjoni mit-Taxxa tar-Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur);*

2. *Illi l-esponent applika ghal ezenzjoni taht l-Artikolu 19 tal-Kap 368 (Att Dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur) u Regolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 u dan b'riferenza ghall-vettura tat-tip Volkswagen Transporter bin-number plate BHJ 441J;*

3. *Illi permezz ta' ittra datata 15 ta' Jannar 2014 komunikata lill-esponent fis-17 ta' Jannar 2014 it-Transfer of Residence Exemption Board informa lill-esponent li l-applikazzjoni tieghu (MF 42/09/1131) ghal tali ezenzjoni giet michuda mill-Ministeru intimat (ara kopja tal-imsemmija ittra hawn annessa bhala Dokument 'A');*

4. *Illi dwar il-fatti l-esponent ricentement ittrasferixxa r-residenza tieghu mill-Ingilterra ghal Malta u bhala parti minn dan it-traslok gab ukoll il-vettura surreferita li hija proprjeta' privata tieghu u li tikkwalifika ghall-ezenzjoni taht l-Artikolu 19(3)(f) tal-Kap 368. Ghal dan il-ghan huwa applika ghall-ezenzjoni relattiva, liema applikazzjoni dahlet fis-26 ta' Novembru 2013. Il-Ministeru intimat iddecieda billi cahad l-applikazzjoni tal-esponent permezz tal-ittra surreferita tal-15 ta' Jannar 2014;*

5. *Illi l-appellant hass ruhu aggravat b'din id-decizjoni u ghaldaqstant qieghed jinterponi dan l-umli appell mill-istess;*

6. *Illi l-aggravji tal-appellant huma cari u manifesti u jikkonsistu f'dan li gej:*

   i. *Illi fl-ewwel lok jirrizulta car illi d-decizjoni appellata ma hijiex adegwatament motivata billi l-esponent ma nghatax raguni ghalfejn l-applikazzjoni tieghu giet michuda. Id-decizjoni semplicement iccitat ir-Regolament 4(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 minghajr ma ndikat liema rekwizit/i ma kienux (allegatament) gew sodisfatti fil-kaz tal-esponent. Dan minnu nnifsu jpoggi lill-esponent fl-impossibilita` li jiddefendi ruhu adegwatament billi ma nghatax raguni cara ghalfejn l-applikazzjoni tieghu ma gietx milqugha u kwindi jinsab zvantaggjat anke ghall-fini biex jintavola l-prezenti appell. B'hekk l-appellant ma hux qieghed f'pozizzjoni li jissalvagwardja d-drittijiet tieghu sufficjentement minhabba illi l-bazi tal-appell tieghu ma jistax ikollha c-certezza dwar x'kunsiderazzjonijiet ha jew naqas li jiehu l-appellat jew il-Bord fid-deliberazzjoni tieghu qabel ma wasal ghar-rifjut tal-applikazzjoni tal-appellant. Ghaldaqstant id-decizjoni appellata hija nulla u minghajr ebda effett fil-ligi minhabba illi tikser il-principji ta' gustizzja naturali fil-konfront tal-appellant u tonqos ukoll li taghti ragunijiet sufficjenti ghall-istess decizjoni li jippermettu lill-appellant li jirrispondi*

*ghall-istess, u dan anke bi ksur tad-dritt fondamentali tal-appellant ghal smigh xieraq. Id-decizjoni appellata hija ghalhekk nulla, invalida u minghajr ebda effett fil-ligi stante li ma kinitx motivata jew ma kinitx sufficjentement motivata, liema nuqqas jissarraf f'cahda lill-appellant tad-dritt tieghu ta' smigh xieraq u tal-principji ta' gustizzja naturali.*

ii. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost id-decizjoni appellata hija zbaljata u applikat il-ligi hazin ghall-fatti in kwistjoni, billi effettivament il-vettura in kwistjoni tikkwalifika ghall-ezenzjoni taht l-Artikolu 19 tal-Kap 368 u r-Regolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01. Il-vettura in kwistjoni indubbjament taqa' taht il-kategorija ta' vettura M1 kif definita fil-Kap 368 billi hija vettura uzata ghall-garr ta' passiggieri u minbarra s-sedil tax-xufier ghandha biss sedil iehor, u zgur li ma ghandhiex sedili ghal aktar minn tmien passiggieri kif titlob il-ligi. Inoltre qabel ma ngabet Malta, il-vettura kienet registrata fir-Renju Unit u kwindi tikkwalifika wkoll bhala migjuba f'Malta skond id-definizzjoni tal-Artikolu 2 tal-Kap 368. Bhala prova ta' dan l-esponent qieghed jannetti Dokument 'B' li huwa c-certifikat ta' registrazzjoni tal-vettura fl-Ingilterra, fejn il-vettura hija klassifikata bhala 'historic vehicle', kif ukoll Dokument 'C' li huwa Ministry of Transport Test mahrug fl-Ingilterra li jiccertifika li l-vettura hija 'roadworthy'. Minn Dokument 'B' jidher ukoll li l-vettura ilha uzata mill-1971 u illi l-ewwel darba li giet registrata fl-Ingilterra kien fl-2011. L-esponent qieghed jannetti wkoll bhala Dokument 'G' kopja ta' shipping document bhala prova li l-vettura ngabet Malta mill-Ingilterra. Il-vettura hija wkoll il-proprjeta' personali tal-appellant billi huwa xtraha aktar minn sentejn ilu mis-Sud Afrika u ghalhekk certament li l-vettura tikkwalifika bhala 'proprjeta' personali ta' individwu privat'. L-esponent ittrasferixxa r-residenza tieghu mill-Ingilterra ghal Malta billi huwa jinsab f'relazzjoni stabbli ma' tfajla Maltija u ddecidew li t-tnejn jistabilixxu ruhhom hawn Malta, u dan tista' tikkonfermah ukoll is-siehba tal-esponent u l-familjari taghha. Inoltre l-vettura in kwistjoni ghandha l-kwalifiki kollha msemmija fir-Regolament 4(3) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01. Fil-fatt il-vettura ilha registrata f'isem l-esponent ghal iktar minn 24 xahar u kienet hekk registrata meta huwa gab il-vettura hawn Malta. L-esponent kien jghix barra minn Malta u fil-fatt qabel ma ttrasferixxa ruhu f'dawn il-gzejjer huwa ghex barra minn Malta ghal perjodu kontinwu ta' aktar minn sentejn. L-applikazzjoni ghall-ezenzjoni saret fi zmien tletin gurnata minn meta l-appellant gie joqghod Malta: fil-fatt l-appellant wasal Malta fl-14 ta' Novembru 2013 (ara kopja tal-biljett tal-ajru hawn annessa bhala Dokument 'D') u l-applikazzjoni tieghu ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni saret fis-26 ta' Novembru 2013 (ara Dokument 'E' hawn anness). Ghal kull buon fini l-appellant qieghed ukoll jannetti sett ta' tliet ritratti bhala Dokument 'F' li juru l-vettura in kwistjoni, kif ukoll sett ta' dokumenti relatati mal-assigurazzjoni tal-kumpanija bhala Dokument 'H'. L-appellant jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha tar-Regolament 4(3) tal-Legislazzjoni Sussidjarja*

*368.01, u dan kif sejjer jirrizulta aktar ampjament fit-trattazzjoni ta' dan l-appell. Inoltre l-ebda wahda mic-cirkostanzi msemmija fir-Regolament 4(4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 ma hi riskontrata f'dan il-kaz. Kwindi l-vettura msemmija kellha tigi ezentata mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni billi kienet tikkwalifika ghal tali ezenzjoni skond il-ligi.*

7. *Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq esposti u ghar-ragunijiet kollha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, l-appellant – filwaqt li jaghmel riferenza ghall-provi kollha migjuba minnu quddiem it-Transfer of Residence Exemption Board jew il-Ministru intimat u ghall-provi kollha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell – qieghed jitlob umilment lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jhassar u jirrevoka d-decizjoni tal-appellat Ministeru tal-Finanzi moghtija fl-ittra datata 15 ta' Jannar 2014 fejn l-istess Ministeru cahad it-talba ghall-ezenzjoni taht l-Artikolu 19 tal-Kap 368 u r-Regolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 b'riferenza ghall-vettura tat-tip Volkswagen Transporter bin-number plate BHJ 441J, u minflok jaghti l-ezenzjoni mitluba, u dana salv kwalsijasi provvediment iehor li dan it-Tribunal jidhirlu xieraq u opportun, u bl-ispejjez kontra l-intimat."*

Ra r-risposta tal-**Ministeru tal-Finanzi** ipprezentata fil-21 ta' Frar 2014 permezz ta' liema eccepixxa s-segwenti:

"1. *ILLI **in linea preliminari qed jiġi eċċept in-nullita' tar-rikors peress li l-kawża ġiet intavolata fi Tribunal li ma jeżistix.** Qed jiġi rilevat illi ma jeżisti l-ebda Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali – Elenku dwar it-Trasport u għalhekk ir-rikors ġie intavolat f'sezzjoni li ma teżistix u għalhekk għandu jiġi dikjarat null u bla effetti skont il-liġi;*

*2.**ILLI bla preġudizzju għal dak suespost, in linea preliminari wkoll** l-esponent jirrileva illi **dan l-Onorabbli Tribunal ma għandux kompetenza jisma` l-ilment tar-rikorrenti**. Ai termini ta` l-**Artikoli 5 u 7 tal-Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta` Malta**, dan it-Tribunal huwa kompetenti li jirrevedi att amministrattiv maħrug minn awtorita` pubblika. Illi rigward dak li qed jingħad in kwantu r-rikorrent qed jattakka l-proċedura għaliex qed jgħid illi l-Bord applika l-liġi ħazina, qed jiġi eċċepit illi t-tribunal mhux il-forum addattat sabiex jistħarreġ dina l-kwistjoni;*

***Mertu***

3. *ILLI **bla preġudizzju għal dak suespost**, l-esponent jeċċepixxi illi l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jiġi muri fil-mori ta' dan ir-rikors;*

4. *ILLI l-esponent jirrileva illi kien hemm raġunijiet validi skont il-liġi li fuqhom ġiet ibbażata d-deċiżjoni ta' rifjut għall-eżenzjoni tat-taxxa ai termini tar-**Regolament 4 (2) tal-LN 6 tas-sena 2012**, fejn l-imsemmi regolament jgħid illi "L-eżenzjoni taħt artikolu 19 (3) tingħata fir-rigward **ta' vettura bil-mutur M1 jew ċikletta** (enfasi tal-esponenti) li tkun propjeta' personali ta' individwu u tkun qegħda tiġi impurtata jew tkun qiegħda tinġieb f'Malta minn dak l-individwu meta jkun qiegħed jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu minn post barra minn Malta għal post f'Malta";*

5. *ILLI f'dan il-każ jidher ċar illi l-van tal-marka Volkswagen ma jaqax taħt il-kategorija rikjesta mil-liġi għall-eżenzjoni tat-taxxa għaliex **l-imsemmija vettura la taqa' taħt il-kategorija M1 u lanqas hi ċikletta.** Dan ġie vverifikat mal-Awtorita' Kompetenti u cioe' l-Awtorita' dwar it-Trasport;*

6. *ILLI għalhekk it-talba għall-eżenzjoni tar-rikorrenti kellha tiġi miċħuda kif anke **ġie spjegat fl-ittra mibgħuta lir-rikorrent mill-Ministeru għall-Finanzi datata 15 ta' Jannar 2014** u li tinsab annessa mar-rikors promotur **(Dok A) u kif ukoll minn permezz ta' email** mibgħuta minn Paul Mifsud rappreżentant tat-Transfer of Residence Exemption Board fi ħdan il-Ministeru Intimat lir-Rikorrenti Stack (liema kopja tal-email hi hawn annessa u mmarkata bħala **Dok MP**), u **għalhekk kull allegazzjoni li saret fir-rikors promotur** illi ma kienux indikati r-rekwiżiti li ma kienux ġew sodisfatti u li poġġew lill-esponenti fl-impossibilita' li jidefendi ruħu adegwatament billi ma ngħatatx raġuni ċara għalfejn l-applikazzjoni ma ġietx milqugħa **huma assulutament infondati u mhumiex veritier;***

*7. ILLI għaldaqstant, l-applikazzjoni tar-rikorrent ġiet miċħuda stante li hu ma ssodisfax il-kriterji stabbiliti fl-imsemmi Regolament;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-każ;*

*Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jiċħad it-talba kif dedotta fir-Rikors Promotur, bl-ispejjeż kontra r-rikorrent."*

Ra s-sentenza ta' dan it-Tribunal datata 21 ta' Lulju 2014 fejn gew decizi l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-Ministeru intimat;

Sema' x-xhieda tar-rikorrent;[1]

Ra d-dokumenti annessi mar-rikors u mar-risposta;

[1] A fol. 69 sa 72

Ra d-dokumenti l-ohra kollha;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrenti qieghed jitlob li dan it-Tribunal jirrevedi d-decizjoni notifikata lilu b'ittra mibghuta mit-*Transf*er of *Residence Exemption Board* (aktar 'l isfel "il-Bord") fi hdan il-Ministeru tal-Finanzi datata 15 ta' Jannar 2014 permezz ta' liema gie mgharraf bis-segwenti:-

*"Reference is made to your application for an exemption under article 19 of the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Cap. 368) (Transfer of Residence) and Regulation 4 of the Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S.L. 368.01).*

*Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Legal Notice 6 of 2012 under rule 4(2) "The exemption under article 19(3)(f) of the Act shall be granted in respect of an M1 motor vehicle or a cycle which is the personal property of an individual and which is being brought or imported into Malta by that individual when he is transferring his normal residence from a place outside Malta to a place in Malta."*

**Ir-rikorrent** xehed illi huwa ttrasferixxa r-residenza tieghu hawn Malta f'Novembru 2013 mir-Renju Unit u li qabel ghamel hekk huwa informa ruhu dwar il-kriterji mehtiega sabiex igib il-vettura tieghu hawn Malta. Jghid li l-vettura in kwistjoni xtraha xi tlieta jew erba' snin qabel u hija Volkswagon klassika tal-1971, liema vettura hija *panel van*, ghandha zewg postijiet u ma teccedix iz-zewg tunnellati. Jghid li wara li applika ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni huwa rcieva ittra fejn gie infurmat li l-vettura *de quo* ma kinitx tikkwalifika ghall-ezenzjoni. Jistqarr li sussegwentement ghamel kuntatt ma' certu Paul Mifsud li ggwidah biex jiehu parir legali.

Illi l-aggravji tar-rikorrenti huma bazikament tnejn u cioe`:-

1. Illi d-decizjoni tal-Ministeru intimat ma hijiex adegwatament motivata u ghalhekk hija nulla, invalida u minghajr ebda effett fil-ligi;
2. Illi l-Bord applika l-ligi hazin ghall-fatti in kwistjoni stante li kemm hu u kemm il-vettura in kwistjoni jissodisfaw il-kriterji ghall-eligibilita` tal-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni.

Illi t-Tribunal se jinvesti **l-ewwel aggravju** tar-rikorrent. Illi r-raguni li nghata ghar-rifjut tinkludi mill-inqas tlett cirkostanzi ghala l-Bord jista' jirrifjuta applikazzjoni u cioe:-

1. **Jew ghaliex il-vettura ma kinitx tat-tip M1;**
2. **Jew ghaliex il-vettura ma kinitx proprjeta' tal-applikant;**
3. **Jew ghaliex l-applikant ma kienx ittrasferixxa r-residenza tieghu normali hawn Malta.**

Illi ghalhekk bir-ragun ir-rikorrenti jghid illi fid-decizjoni appellata ma nghatax **raguni cara ghar-rifjut.** Illi kien biss fir-risposta tal-Ministeru intimat li intefa' dawl fuq ir-raguni ghala l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni giet rifjutata u dan meta f'paragrafu 5 il-Ministeru intimat eccepixxa illi *"Illi f'dan il-kaz jidher car illi l-van tal-marka Volkswagen ma jaqax taħt il-kategorija rikjesta mil-liġi għall-eżenzjoni tat-taxxa għaliex* ***l-imsemmija vettura la taqa' taħt il-kategorija M1 u lanqas hi ċikletta.*** *Dan ġie vverifikat mal-Awtorita' Kompetenti u cioe' l-Awtorita' dwar it-Trasport"*

Illi kif inghad mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni**, Appell Nru. 2/07, deciza fit-28 ta' Jannar 2008 *"In linea ta' principju generali huwa ben saldat, kemm fid-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza taghna u dik estera, illi l-motivazzjoni hi ta' essenza ta' kull decizjoni, sija jekk din hi wahda gudizzjarja jew kwazi-gudizzjarja, sija jekk hi wahda sempliciment amministrattiva. Kull min hu msejjah biex jaghti l-gudizzju tieghu ghandu fil-minimu, anke jekk mhux b' mod approfondit, jipprovdi ir-raguni tad-decizjoni tieghu in kwantu minn din l-istess raguni ikun jista' jigi dedott l-iter logiku segwit u dak tar-raffront bejn ir-rikjest u d-decizjoni. Ara, b' ezemplari, is-sentenzi fl-ismijiet "****Anthony Ellul Sullivan nomine -vs- Lino C. Vassallo et nomine****", Prim' Awla, Qorti Civili, 2 ta' Gunju 1983 per Imhallef Maurice Caruana Curran, "****Cauchi Ltd -vs- Kummissarju tat-Taxxa fuq ilValur Mizjud****", Appell, 6 ta' Ottubru 2000, "****Michael Gatt -vs- L-Awtorita` ta' l-Ippjanar****", Appell, 19 ta' Novembru*

*2001 u "**Mary Zarb -vs- Emma Azzopardi nomine**", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi, 28 ta' Marzu 2007. F' dawn is-sentenzi kollha, u bosta ohrajn ta' l-istess portata, il-Qrati ssenjalaw il-principju illi l-parti ghandu jkollu s-sodisfazzjon li jkun jaf ir-raguni l-ghala r-rikjesta tieghu tkun qed tigi michuda jew akkolta. Dan, wara kollox, mhux hlief applikazzjoni sobrija tar-regola fundamentali "audi et alteram partem", ghal liema tikkollega ruhha wkoll is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell kolleggjali fil-kawza "**Alfred Sant nomine -vs- Kummissarju tat-Taxxi Interni**", 4 ta' Marzu 1992, citata mill-Bord;*

*Dan premess, ma jidherx li jista' jigi negat illi l-Kummissarju appellat ghandu, skond il-ligi, poteri ta' "quasi judicial discretion". Fl-istadju tal-konsiderazzjoni ta' l-Avviz ta' oggezzjoni mit-taxpayer hu jagixxi qisu qorti u dan jobbligah li f' kaz ta' rifjut ta' l-oggezzjoni sottomessa lilu huwa ghandu jaghti r-raguni li tkun wasslitu ghal dik id-decizjoni tieghu. Huwa ghandu, fi kliem iehor, jforni dik irraguni li tqieghed in riljev dak li hu necessarjament sufficjenti biex jikjarixxi u jissorreggi r-ratio tad-decizjoni tar-rifjut tieghu. Is-sens komuni u r-regola ta' gustizzja naturali fuq accennata certament jesigu illi t-taxpayer ghandu jitqieghed in grad li adegwatament jikkontesta dak l-istess rifjut fit-tfassil tal-gravami tieghu fl-appell lil Bord u, l-aktar, ghall-fini li fil-fazi processwali quddiem dan l-istess Bord, ikun f' qaghda li jiddizempenja ruhu kif jixraq mill-piz gravanti fuqu billi juri li l-likwidazzjoni tat-taxxa mill-Kummissarju ghandha titwarrab ghax hi eccessiva jew ghal xi motiv legali iehor;*

*Jekk hu dejjem desiderabbli li l-istharrig, anke wiehed kwazi-gudizzjarji, ikun supplit bir-rekwizit formali tal-motivazzjoni, li trid ukoll tkun wahda intrinsikament idoneja u mhux merament apparenti, huwa ferm importanti li jigi sottolinejat illi, wisq ragonevoli, ghall-iskop li jkun adempit l-obbligu tal-motivazzjoni, min ghandu jiggudika mhux tenut jikkonfuta l-argomenti kollha prospettati mill-parti imma hu sufficjenti li hu jaghti hjiel ta' dawk l-elementi li fuqhom ikun sawwar il-konvinciment tieghu. Dan tghidu wkoll is-sentenza fl-ismijiet "**Paul Pace -vs- Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**", Appell, 6 ta' Ottubru 2000. Id-dottrina procedurali tinsenja illi, implicitament, ic-cirkustanzi u r-riljievi l-ohra li setghu gew sollevati, ankorke ma jigux specifikament imsemmija, ghandhom logikament jitqiesu inkompatibbli mad-decizjoni adottata;”*

Illi dan it-Tribunal qieghed japplika l-istess principji enuncjati hawn fuq ghall-kaz odjern u ghalhekk jara li r-rikorrent ghandu ragun fl-aggravju tieghu stante li d-decizjoni moghtija mill-Bord hija wahda  li ma tispecifikax ir-raguni proprja ghaliex l-applikazzjoni tieghu kienet qed tigi rifjutata.  Illi t-Tribunal jirrileva illi ma jaqbilx mas-sottomissjoni tal-Ministeru intimat illi r-rikorrenti kien ben konsapevoli tar-raguni tar-rifjut  ghaliex permezz ta’ *e-mail* li ntbaghtet lilu minn Paul Mifsud ghan-nom tal-Bord fl-14 ta’ Novembru 2013 huwa kien gie infurmat li l-vettura tieghu ma tikkwalifikax ghall-ezenzjoni ghaliex mhix vettura li taqa’ fil-kategorija ta’ vetturi M1.  Li ntbaghtet din l-*e-mail* ma giex kontestat mir-rikorrenti, pero` din l-*e-mail*, li del resto intbaghet qabel ma nghatat id-decizjoni appellata, bl-ebda mod ma ssollevat l-oneru tal-Bord li fid-decizjoni tieghu ikun preciz dwar ir-raguni tar-rifjut tieghu.

Ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi r-rikorrent ghandu ragun fl-ewwel aggravju tieghu u ghalhekk id-decizjoni appellata qieghdha tigi annullata u revokata.

Illi fir-rigward **tat-tieni aggravju**, ir-rikorrent jirrileva illi huwa ssodisfa r-rekwiziti kollha tar-Regolament 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 u kif ukoll ta' artikolu 19 tal-Kapitolu 368. Illi kif gia inghad, fil-mori irrizulta illi r-raguni vera tar-rifjut kienet illi skond il-Bord, il-vettura ma kinitx tat-tip M1 jew cikletta. Kwindi ma hemmx kontestazzjoni li r-rikorrenti issodisfa r-rekwiziti l-ohra kollha, inkluz li l-vettura kienet ilha proprjeta personali tieghu ghal iktar minn sentejn u li hu kien ittrasferixxa r-residenza tieghu hawn Malta.

Illi fost il-kriterji li jrid ikollha vettura bil-mutur biex tkun tista' tikkwalifika ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni, trid tkun wahda bil-mutur tat-tip M1 jew cikletta.

Illi ai termini ta' artikolu 2 (1) tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta, vettura tat-tip M1 hija definita bhala **"vettura użata għall-ġarr ta' passiġġieri b'sedili mhux iżjed minn tmien persuni minbarra s-sedil tad-driver".**

Illi mix-xhieda tar-rikorrent u mid-dokumenti esebiti jirrizulta s-segwenti:-

1. Illi mic-certifikat ta' registrazzjoni tal-vettura mahrug mir-Rejnu Unit u esebit bhala Dokument B a fol. 10 tal-process jirrizulta illi l-vettura in kwistjoni ghandha zewg (2) sedili, inkluz dak tax-xufier;
2. Illi skond certifikat ta' assigurazzjoni esebit a fol. 22 u li jkopri l-perjodu mill-15 ta' Mejju 2013 sal-15 ta' Mejju 2014 hemm imnizzel li din il-polza **ma tkoprix "vans, commercial vehicles, mopeds and motorcyles**";
3. Skond l-istess polza il-vettura hija limitata ghal "**social domestic and pleasure purposes";**

Illi mir-raguni ghar-rifjut imnizzla bl-idejn fuq l-applikazzjoni tar-rikorrent, fil-kaxxa intitolata "Reason for rejection, if rejected" gie mnizzel "Commercial

Vehicle”. [2] Illi  din hija l-uniku prova li ghandu t-Tribunal dwar ir-raguni tar-rifjut. Illi hadd mill-membri tal-Bord ma ta spjegazzjoni kif waslu ghall-istess konkluzzjoni. Lanqas del resto ma nghatat xi spjegazzjoni waqt it-trattazzjoni ghala l-Bord ikklasifika l-vettura in kwistjoni bhala wahda kummercjali. Kull ma hemm hija *e-mail* mibghuta minn certu Paul Mifsud, li presumibilment huwa ufficjal tal-Ministeru tal-Finanzi, lil Brian Farrugia, presumibilment ufficjal tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, fejn gie mistoqsi “*Under which category does the van in subject fall?”* u r-risposta kienet “*If it is under 3500 kgs, it will be classified as N1.”* [3] Fl-imsemmija *e-mail* m'hemm l-ebda certezza li s-suggett taghha huwa proprju l-vettura in kwistjoni u di piu` lanqas telghu jikkonfermaw il-kontenut taghha l-awturi tal-istess korrispondenza. Izda, anke jekk ghall-grazzja tal-argument, din l-*e-mail* qieghdha tirreferi ghall-vettura in kwistjoni, id-definizzjoni li jaghti l-Kapitolu 368 ta' vettura **N1** hija “**vettura użata għall-ġarr ta' merkanzija u li għandha piż massimu ta' mhux iżjed minn 3.5 tunnellati**”. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta illi biex vettura tkun klassifikata bhala N1 din trid tkun uzata **ghall-garr ta' merkanzija**. Illi bl-ebda mod u manjiera ma gie ppruvat mill-Ministeru intimat illi l-vettura in kwisjtoni hija uzata ghall-garr ta' merkanzija. Pjuttost gie ppruvat il-kuntrarju u cioe li l-vettura hija uzata ghal skopijiet purament domestici u li l-polza ta' assikurazzjoni ma kinitx tkopriha li kieku kienet vettura kummercjali. Lanqas ma gie ppruvat l-element l-iehor illi din il-vettura hija ta' piz ta' inqas minn 3.5 tunnellati sabiex tkun tista' tigi kklassifikata bhala vettura N1.

Illi ghalhekk, fl-opinjoni tat-Tribunal, il-Bord kien zbaljat meta kklassifika l-istess vettura bhala wahda kummercjali u li kwindi ma taqghax fil-kategorija M1 biex b'hekk tkun tista' tibbenefika mill-ezenzjoni tat-taxxa ta' registrazzjoni.

Ghaldaqstant it-tieni aggravju qieghed jigu wkoll milqugh.

Illi finalment, it-Tribunal jaghmel referenza ghat-talba tar-rikorrent fejn talab illi  dan it-Tribunal jaghtih l-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni. Dan it-Tribunal ma jistghax jaghmlu ghaliex il-kompetenza tieghu hija purament wahda ta' revizjoni ta' decizjonijiet u mhux li jarroga fuqu l-poter decizjonali li ghandhom l-awtoritajiet pubblici. Sta issa ghall-Bord li jerga' jirrevedi l-applikazzjoni tar-rikorrenti fid-dawl ta' dak kollu li gie sottomess iktar ‘il fuq.

[2] Ara Dok A a fol. 88
[3] Ara Dok C a fol. 91

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal, qieghed jaqta' u jiddeciedi, billi jilqa' l-appell tar-rikorrenti u konsegwentement ihassar id-decizjoni tat-*Transfer of Residence Exemption Board* datata 15 ta' Jannar 2014 u dan fit-termini enuncjati hawn fuq, u jidderiegi lill-istess Bord sabiex fid-dawl ta' dak enuncjat f'din is-sentenza jikkoncedi lir-rikorrent l-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura ta' l-ghamla Volkswagen Transporter bin-numru ta' registrazzjoni BHJ 441J.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tas-sentenza prelimnari tal-21 ta' Lulju 2014, a karigu tal-Ministeru intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------